# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 276/16/1 JVC**

**Giuseppe Camilleri**

**v.**

**Emanuele Camilleri u Paolo Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-5 ta' April, 2016, li permezz tieghu, ir-rikorrent Giuseppe Camilleri qal hekk:

> "1. Illi l-esponenti ilu ghal snin twal, jippossjedi il-porzjon ta' art maghrufa bhala 'Tal-Latnija', tal-kejl cirka hamest elef sitt mija u ghoxrin metri kwadri (5620 mk), (6 sitt itmiem), gewwa l-kuntrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar, (Dok EC1), u dan stante illi missier l-esponenti, John Camilleri, kien jippossediha b'titolu ta' mera tolleranza moghti mill-familja Stilon, permezz ta' skrittura li ggib id-data tat-2 ta' Settembru 1982. (Annessa Dok EC2);

“2. Illi missier l-esponenti miet nhar is-sittax (16) ta’ Jannar, tas-sena elfejn u hdax (2011);

“3. Illi, fil-fatt, sa minn meta din il-porzjon art, kienet tinhadem minn missier l-esponenti, l-esponenti kien jahdem l-istess ghalqa flimkien ma’ missieru;

“4. Illi, anke hut l-esponenti, inkluzi il-konvenuti Paolo, u Emmanuele, kienu jahdmu din l-ghalqa flimkien ma’ missierhom John Camilleri sa qabel ma’ rtira;

“5. Illi, anke l-esponenti, sa qabel ma’ rtira missieru kien jahdem xi bicciet mill-imsemmija ghalqa;

“6. Illi wara li miet missier l-esponenti, u missier il-konvenuti, din l-ghalqa baqghet tinhadem mill-konvenuti Paolo Camilleri, u minn huh Emmanuele, madanakollu peress li din l-ghalqa baqghet fil-pussess tal-ulied tal-mejjet John Camilleri, l-esponenti, kien baqa’ jidhol fl-imsemmija ghalqa permezz tal-vetturi tieghu, minn fetha illi hemm ghal fuq it-triq bl-isem ta’ Triq is-Salina, Naxxar, u jipparkja l-imsemmija vetturi fil-genb tar-rampa, b’dan illi xorta wahda l-access ghall-imsemmija ghalqa jibqa’ miftuh ghall-pussessuri l-ohra, u dan peress illi fuq in-naha l-ohra tat-triq l-esponenti ghandu garaxx, u jahdem xi eghlieqi ukoll;

“7. Illi l-esponenti jidhol bil-vetturi ghal dan l-iskop tieghu madwar erba’ (4) jew hames (5) darbiet fil-gimgha, u gieli anke aktar skont il-htiega, bl-ahhar darba (minghajr ebda ostakoli) tkun nhar it-18 ta’ Frar tas-sena elfejn u sittax (2016);

“8. Illi bejn it-tmintax (18) u dsatax (19) ta’ Frar elfejn u sittax (2016), il-konvenuti personalment jew permezz ta’ terzi inkarigati minnhom, ghalqu l-imsemmija fetha permezz ta’ katina (maghmula minn habel ta’ l-azzar) illi setghet tinhall liberament mill-esponenti, tant illi nhar id-dsatax (19) ta’ Frar 2016, l-esponenti hall l-imsemmija katina, u pparkja il-vettura tieghu bhalma kien jaghmel is-soltu;

“9. Illi, inoltre, nhar id-dsatax (19) ta’ Frar 2016, wara li l-esponenti telaq mill-post, il-konvenuti personalment, jew permezz ta’ terzi inkarigati minnhom, imbarraw kompletament l-imsemmija fetha, permezz ta’ munzell terrapien, b’dan illi l-esponenti ma’ jistax jibqa’ jidhol fl-imsemmija ghalqa, kif kien jaghmel qabel, permezz tal-vetturi tieghu;

“10. Illi b’dan l-agir, il-konvenuti, b’mod klandestin, spussessaw u spoljaw lill-esponenti mill-pussess ta’ l-imsemmija ghalqa, u ghalhekk dan l-agir, jaghti lok ghall-ezercizzju ta’ l-‘actio spolii’, kontra taghhom;

“Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir taghhom il-konvenuti spussessaw u spoljaw b'mod klandestin u vjolenti lir-rikorrenti, mill-pussess u l-godiment tal-propjeta, ossia l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Latnija', tal-kejl cirka hamest elef sitt mija u ghoxrin metri kwadri (5620mk), (6 sitt itmiem), gewwa l-kuntrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar, u dan peress illi imblokkaw kompletament il-fetha li taghti ghall-imsemmija ghalqa permezz ta' katina (maghmula minn habel ta' l-azzar), u t-terrapien, u dan, bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Frar, 2016, u d-dsatax (19) ta' Frar 2016, rispettivament; u;

"2. Konsegwentement, tordna lill-konvenuti jergghu iqieghdu mill-gdid fil-pussess, lir-rikorrenti, u dan billi tordnalhom, inehhu l-istess katina (maghmula minn habel ta' l-azzar), u t-terrapien.

"Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta guramentata tat-28 ta' April, 2016, ta' Emanuele Camilleri et li eccepew kif isegwi:

"1. ILLI fl-ewwel lok, irid jinghad illi r-raba fejn hemm l-fetha mertu ta' din l-azzjoni ma hijiex dik kif indikata fil-pjanta EC 1 annessa mar-rikors promotur izda dik indikata fil-pjanta annessa mal-presenti Dok A, fejn hemm indikat bl-isfar ir-raba mahdum esklussivament mill-esponenti Paolo u bl-orangjo dak mahdum esklussivament mill-esponenti Emanuel sa mis-sena mill-elfejn u tlieta (2003) filwaqt li l-fetha mertu ta' din l-azzjoni hija mmarkata bi vlegga hamra;

"2. ILLI l-azzjoni kif esperita ma tistax tirnexxi stante illi r-rikorrenti fl-ebda istanza ma kellu l-pussess rikjest sabiex tirnexxi l-azzjoni stante li:

"(i) huwa minnu stess koncess illi l-esponenti jiddetjenu r-raba b'tolleranza[1] ;

"(ii) huwa koncess mir-rikorrenti illi r-raba ilu fil-pussess esklussiv ta' l-esponenti mill-2011 wara l-mewt ta' missier il-kontendenti[2];

"3. ILLI assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost u dato non concesso dritt li r-rikorrenti skond hu akkwista li jipparkja vettura ghaliex ghandu garage in-naha l-ohra tat-triq, ma jistax qatt jitqies bhala dritt tutelabbli, izda dan tqies kostantement, mill-qrati nostrali, sempliciment bhala att ta' mera tolleranza u buon vicinat u konsegwentement ukoll l-azzjoni ma tistax tirnexxi".

[1] L-ewwel premessa
[2] premessa numru sitta (6)

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Ottubru, 2020, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

> "1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bhala sorvolata;
>
> "2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonjiet tal-konvenuti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;
>
> "3. Konsegwentement tghaddi sabiex tilqa t-talbiet attrici kif isegwi:
>
> (i) "Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti spussessaw u spoljaw b'mod klandestin u vjolenti lir-rikorrenti, mill-pussess u l-godiment tal-proprjeta` indikata fl-ewwel talba izda dan limitatament ghall-uzu li l-attur jidhol bil-karozzi/ingenji tieghu liberament mill-fetha li taghti ghat-triq ghall-ewwel ghalqa fejn hemm ir-rampa u jipparkja bil-karozza jew ingenji tieghu minghajr ma jostakola l-access tal-pussessuri l-ohra; u
>
> (ii) "Tilqa' t-tieni talba u tordna lil konvenuti sabiex fi zmien xahar mil-lum jergghu jqieghdu mill-gdid fil-pussess lill-attur tal-proprjeta` indikata u kif deciz fl-ewwel talba u dan billi jnehhu l-katina (maghmula minn habel ta' l-azzar), u terrapien sabiex ma jkun hemm l-ebda xkiel fil-fetha u l-attur jkun jista' jaccedi liberament bil-karozzi/ingenji tieghu u jipparkjahom minghajr ma jostakola l-access tal-pussessuri l-ohra.
>
> "Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti".

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio spolii* li hija regolata bl-Artikolu 535 u l-Artikolu 536 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu kif isegwi:
>
> > "535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
> >
> > "(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.

> "536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur."

"Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur Giuseppe Camilleri jippremetti li huwa ilu ghal snin twal jippossjedi porzjon art maghrufa bhala 'Tal-Latnija', tal-kejl ta' cirka hamest elef sitt mija u ghoxrin metru kwadru (5620m.k.) gewwa l-kuntrada tas-Salini fil-limiti tan-Naxxar u dan stante li missieru certu John Camilleri kien ukoll jippossjedi l-istess raba' b'titolu ta' mera tolleranza moghtija mill-familja Stilon permezz ta' skrittura privata li ggib id-data tat-2 ta' Settembru, 1982. Jghid li huwa u hutu, nkluz il-konvenuti Paolo u Emanuele, kienu jahdmu l-art ma' missierhom sa qabel irtira. Ikompli jghid li wara li missierhom miet fis-16 ta' Jannar, 2011 din l-ghalqa baqghet tinhadem mill-konvenuti Paolo Camilleri u minn Emanuele Camilleri filwaqt li huwa baqa' jidhol fl-imsemmija ghalqa permezz tal-vetturi tieghu minn fetha li taccedi ghalija minn Triq is-Salini, Naxxar u jipparkja l-imsemmija vetturi fil-genb tar-rampa b'dan li l-access ghall-imsemmija ghalqa jibqa' miftuh ghall-pussessuri l-ohra. L-attur sostna li huwa jidhol bil-vetturi tieghu madwar erba' (4) jew hames (5) darbiet fil-gimgha u gieli aktar, bl-ahhar darba tkun fit-18 ta' Frar, 2016. Dan billi bejn it-18 ta' Frar, 2016 u d-19 ta' Frar, 2016 il-konvenuti personalment jew permezz ta' terzi minnhom imqabbda ghalqu l-fetha permezz ta' katina tal-azzar li setghet tinhall liberament madanakollu fid-19 ta' Frar, 2016 wara li l-attur telaq mill-post, il-konvenuti personalment jew permezz ta' terzi minnhom imqabbda mbarraw kompletament l-imsemmija fetha billi tefghu munzell terrapien. L-attur talab ghalhekk li jigi dikjarat u deciz illi bl-agir tal-konvenuti spussessaw u spoljaw b'mod klandestin u vjolenti lir-rikorrenti mill-pussess u l-godiment tal-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Latnija', fil-kuntrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar u dan peress li mblokkaw kompletament il-fetha li taghti ghall-imsemmija ghalqa permezz ta' katina tal-azzar u terrapien u konsegwentament tordna lill-konvenuti jergghu jqieghduh mill-gdid fil-pussess u dan billi l-Qorti tordna li jitnehhew il-katina tal-azzar u t-terrapien.

"Illi min-naha tal-konvenuti Emanuele u Paolo ahwa Camilleri eccepew fl-ewwel lok li fejn hemm il-fetha mertu ta' din l-azzjoni m'hijiex kif indikata fuq il-pjanta pprezentata mill-attur immarkata bhala EC 1, izda dik indikata fil-pjanta pprezentata minnhom u li giet immarkata bhala Dok A fejn il-fetha hija mmarkata bi vlegga hamra. Sostnew li l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante li l-attur fl-ebda mument ma kellu l-pussess rikjest billi (i) gie minnu stess koncess li huma jiddetjenu r-raba' b'tolleranza, u, (ii) huwa koncess mir-rikorrenti li r-raba' ilu fil-pussess esklussiv taghhom mill-2011 wara l-mewt ta' missierhom. Finalment eccepew minghajr pregudizzju u dato non concesso dritt li jipparkja l-vettura ghaliex ghandu garage n-naha l-ohra tat-triq ma jistax jitqiesx bhala dritt tutelabbli, pero' dan tqies kostantement mill-qrati taghna bhala att ta' mera tolleranza u buon vicinat u ghalhekk l-azzjoni wkoll ma tistax tirnexxi.

“<u>L-Ewwel eccezzjoni</u>:

“Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li r-raba’ fejn hemm il-fetha mertu ta’ din l-azzjoni kif indikata mill-attur fil-pjanta annessa mar-rikors guramentata mmarkata bhala Dok EC1 m’hijiex it-tajba hekk kif indikata minnhom fil-pjanta li giet annessa mar-risposta guramentata u mmarkata bhala Dok A.

“Illi l-attur Giuseppe Camilleri fl-affidavit tieghu (a fol. 23 et seq tal-process) dwar din l-eccezzjoni qal li d-differenza bejn iz-zewg pjanti hija li dik li gietipprezentata minnu hija aktar antika minn dik li pprezentaw il-konvenuti.

“Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-process u rat ukoll li din il-Qorti kif diversament preseduta ghamlet access fuq il-post fejn saru l-konstatazzjonijiet kollha necessarji (ara verbal tal-access a fol.71 u fol. 9 72 tal-process). Bejn l-partijiet kien hemm qbil fuq l-ghalqa u fuq l-fetha mertu tal-kwistjoni, tant li l-partijiet ghamlu diversi dikjarazzjonijiet mhux guramentati. Gjaladarba bejn il-partijiet m’hemmx kontestazzjoni dwar liema effettivament hija l-ghalqa u l-fetha, din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni giet debitament sorvolata fl-atti.

“<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>

“Illi fi kliem l-awtur Mattirolo fil-ktieb tieghu Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (Volume I. ed. 1902 Torino, para. 271) dwar l-azzjoni ta’ spoll privilegjat qal illi:

> “La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato è una misura di ordine pubblico, è un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L’articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola “spoliatus ante omnia restituendus”. Il perchè l’azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purchè pero’ abbia il carattere esteriore dell’esercizio di un preteso diritto.”

“F’dan is-sens ukoll, intqal dwar l-azzjoni ta’ spoll vjolenti u klandestin mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Mariano Farrugia et noe -vs- Peter Paul Cutajar deciza fit-23 ta’ Ottubru, 1998 illi:

> “Din l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba ‘stat ta’ fatt’ arbitrarjament u hija intiza ‘unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga’ jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma iddisturbaha u daqshekk biss.”

“Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta’ spoll privilegjat tirnexxi, u cioe:

> “1. Actor docere debet possedisse – il-pussess;

> "2. Spoliatum fuisse – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u
>
> "3. Infra bimestre deduxisse – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll."

"Illi jekk wahda minn dawn l-elementi tkun mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin tfalli. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Joseph Tabone -vs- Joseph Flavia sive de Flavia datata s-7 ta' Marzu, 1958 inghad illi:

> "Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra."

"Din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll applikati ghall-fatti tal-kaz odjern".

"<u>Actor docere debet possedisse</u>:

"Illi l-konvenuti Emanuele u Paolo ahwa Camilleri fit-tieni eccezzjoni taghhom jeccepixxu li l-attur fl-ebda istanza ma kellu l-pussess rikjest sabiex tirnexxi l-azzjoni stante li:

(i) "huwa minnu stess koncess illi l-esponenti jiddetjenu r-raba' b'titolu ta' tolleranza; u,

(ii) "huwa koncess mill-attur innifsu li r-raba' ilu fil-pussess esklussiv ta' l-esponenti mill-2011 minn wara l-mewt ta' missier il-kontendenti.

"Illi taghmel referenza ad verbatim ghat-talbiet tal-attur Giuseppe Camilleri u dan sabiex jigi identifikat bi precisazzjoni dak li qed jilmenta li gie spussessat u spoljat minnu l-attur. It-talbiet attrici jaqraw kif isegwi:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir taghhom il-konvenuti spussessaw u spoljaw b'mod klandestin u vjolenti lir-rikorrenti, mill-pussess u l-godiment tal-propjeta, ossia l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Latnija', tal-kejl cirka hamest elef sitt mija u ghoxrin metri kwadri (5620mk), (6 sitt itmiem), gewwa l-kuntrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar, u dan peress illi imblokkaw kompletament il-fetha li taghti ghall-imsemmija ghalqa permezz ta' katina (maghmula minn habel ta' l-azzar), u t-terrapien, u dan, bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Frar, 2016, u d-dsatax (19) ta' Frar 2016, rispettivament; u;
>
> "2. Konsegwentement, tordna lill-konvenuti jergghu iqieghdu mill-gdid fil-pussess, lir-rikorrenti, u dan billi tordnalhom, inehhu l-istess katina (maghmula minn habel ta' l-azzar), u t-terrapien."

"Minn harsa lejn it-talbiet tar-rikors promotur jirrizulta b'mod car li l-attur qieghed jilmenta li huwa gie spussessat u spoljat mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Latnija', gewwa l-kuntrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar tal-kejl

ta’ cirka 5620 m.k. ghaliex skont il-kontenut tal-istess rikors guramentat huwa ma thalliex aktar jidhol bil-vetturi sabiex jipparkja fl-ewwel parti fejn hemm il-fetha stante li saru zewg ostakli.

“L-attur Giuseppe Camilleri jallega li dan l-ispussessar sar billi l-konvenuti personalment jew permezz ta’ terzi minnhom imqabbda mblukkaw il-fetha li kienet taghti access b’katina tal-azzar u billi tefghu terrapien fl-istess fetha.

“Fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 23 et seq tal-process l-attur Giuseppe Camilleri jiddeskrivi l-pussess tieghu billi jghid li kull meta jmur fl-eghlieqi tieghu li jinsabu fl-istess triq izda faccata huwa juza l-fetha in kwistjoni sabiex jipparkja l-vettura tieghu jew l-ingenji u wkoll gieli jmur jaqta l-harrub mis-sigar li hemm fl-ghalqa li tasal ghaliha minn din il-fetha u wkoll jaqta’ l-haxix ghal bhejjem minn mal-hitan tal-ghalqa. Il-Qorti tinnota li l-allegazzjoni li jidhol f’dawn l-eghlieqi sabiex jaqta’ l-harrub jew il-haxix ma ssemmiet imkien fir-rikors guramentat. Fl-affidavit tieghu r-rikorrenti xehed kif isegwi:

> “Fil-prezent, l-ewwel parti ta’ din l-ghalqa hija okkupata min hija Pawlu, wiehed mill-konvenuti, u l-ahhar parti ta’ din lghalqa (fuq gewwa net) hija okkupata mill-konvenut l-iehor, Leli. Jigifieri jien naqbel, u sahansitra ukoll nikkonferma dak li qalu Emmanuel u Paolo fir-risposta taghhom, u naqbel ukoll illi hija Emmanuel (Leli), jahdem il-bicca immarkata bl-orango fuq il-pjanta dok ‘A’, u naqbel ukoll illi hija Paolo, jahdem il-parti immarkata bl-isfar, fuq l-istess pjanta Dok ‘A’. Li ma naqbilx huwa illi mhux huma biss ghandhom il-pussess ta’ din l-ghalqa, u ha nispjega ghalfejn. Fin-nofs ta’ din l-ghalqa hemm is-sigar tal-harrub, dawn bqajt niehu hsiebhom jien, u naqta l-frott (Harrub) jien. Jien nidhol go din l-ghalqa, kull meta u kif ikolli bzonn jien, anke biex naqta’ l-haxix ghal bhejjem, etc.etc. Jien immur hemmhekk, u nidhol go din l-ghalqa, madwar 4 jew 5 darbiet fil-gimgha, gieli aktar minn hekk ukoll, skont il-bzonn. Nispjega illi, fil-parti li jahdem Pawlu, (u cioe parti minn dik bl-isfar, u anke hdejha, (u li jien qieghed issa nimmarkahom bil-blue, fuq il-pjanta li pprezentaw Pawlu u Leli, u li qed nimmarkaha Dok EC4), hemmhekk hemm is-sigar tal-harrub, illi dejjem naqta’ minnhom jiena, u sabiex naghmel dan, dejjem nidhol u nipparkja il-vettura tieghi kif ser nispjega aktar il-quddiem. Il-haxix naqtghu l-aktar minn mal-hitan ta’ l-ghalqa kollha, u ili naghmel dan snin twal, u hadd mill-konvenuti, jew haddiehor qatt ma waqfuni, jew ghamluli, kif ghamluli Pawlu u Leli fi Frar li ghadda.
>
> “Jien minn dejjem, ghomri kollu nokkupa din l-ewwel bicca ta’ l-ewwel ghalqa ta’ tal-Latnija, billi nipparkja l-ingenji tieghi fil-genb (ara Dok EC5), ezatt kif tispicca r-rampa, b’lahhar darba li pparkjajt hemm, minghajr ebda nkwiet ta’ xejn qatt u ma hadd, ikun fit-18 ta’ Frar 2016.
>
> “L-ghada fid-19 ta’ Frar 2016, ghal habta tas-02:30pm jiena mort nipparkja l-karozza bhas-soltu f’din l-ewwel ghalqa ta’ tal-Latnja izda sibt katina minn hajt sa hajt tar-rampa, (ara Dok EC6) (katina maghmula minn habel ta’ l-azzar). Jien hallejt din il-katina u pparkjajt il-karozza bhas-soltu. Fil-pront, gie l-konvenut Leli (ara Dok EC7) biex

> jipprovokani. Jien dak il-hin ghidtlu li jekk ser titwahhal il-katina, jien irrid ic-cavetta tal-katnazz, izda hu ma kellimniex u telaq l-hemm.
>
> "Nixtieq inzid ukoll, li r-rampa hija wiesa biz-zejjed, tant li meta jien nipparkja fil-genb ta l-ewwel ghalqa, il-passagg tar-rampa jibqa miftuh u ghalhekk ghandi nghid li qatt, hadd mil-intimati, ma qatt kellu bzonn, jew qatt qalli sabiex innehhilu l-engenji tieghi, sabiex ikun jista jghaddi hu."

"Illi minn dak dikjarat mill-attur Giuseppe Camilleri stess kemm fir-rikors guramentat kif ukoll fl-affidavit jirrizulta li l-attur mhux qed jippretendi pussess shih tal-ghalqa 'Tal-Latnija', tal-kejl ta' cirka 5620 m.k. fil-limiti tan-Naxxar, pero' jekk kellu pussess, dan kien wiehed limitat ghal parti fejn il-fetha fejn huwa allegatament kien jipparkja l-vetturi/ingenji tieghu u l-qtugh tal-harrub/haxix. Ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina jekk effettivament l-attur kellux dan il-pussess allegat fosthom fuq il-parti fejn hemm il-fetha fejn allegatament kien jipparkja l-vettura tieghu.

"Il-Qorti tinnota li dwar din il-kwistjoni, bejn il-partijiet irrizultaw zewg verzjonijiet kompletament konfliggenti. Fil-fatt il-partijiet lanqas jaqblu bejniethom dwar id-derivanza tat-titolu fuq l-art in kwistjoni. Da parti tieghu l-attur jallega li l-art kollha kienet posseduta b'titolu ta' mera tolleranza minn missieru John Camilleri li giet lilu moghtija mill-familja Stilon permezz ta' skrittura tat-2 ta' Settembru, 1982 (ara skrittura a fol. 7 et seq tal-process). Da parti tieghu l-konvenut Pawlu Camilleri fir-rigward l-ewwel bicca tal-ghalqa li tmiss ma' Triq is-Salini jghid li din kienet giet lilu moghtija minn kuginuh Emanuel Camilleri. Il-konvenuti jressqu bhala xhud lil Emanuel Camilleri (ara affidavit a fol. 51 tal-process) li jikkonferma din il-verzjoni u jressaq skrittura privata datata 8 ta' Gunju, 1982 (ara skrittura a fol. 52 et seq tal-process) li permezz taghha l-familja Stilon kienet tat lilu bicca art b'titolu ta' tolleranza, liema art fid-deskrizzjoni ndikata li tmiss minn naha ma' Triq is-Salini.

"Nonostante izda din il-kontradizzjoni bejn il-partijiet, f'kawza ta' spoll privilegjat it-titolu fuq l-art m'huwiex ta' rilevanza u l-Qorti hija sahansitra eskluza milli tidhol f'ezami tal-istess u hija tenuta biss li tinvestiga jekk da parte tal-attur hemmx pussess jew mera detenzjoni jew le, u ghaldaqstant il-Qorti mhux ser tinoltra ruhha oltre fuq din il-kwistjoni.

"Illi dwar l-element tal-pussess, l-attur iressaq diversi xhieda li lkoll jixhdu b'mod simili. Dawn huma Yvonne Camilleri – mart l-attur; Roderick Gatt – konoxxent tal-attur; Glen Camilleri – iben l-attur u Caroline Camilleri – bint l-attur. Tressqet ukoll bhala xhud WPS 158 Gillian Henwood – is-Surgent li hadet ir-rapport bir-referenza 8/S/242/2016 (a fol. 42 et seq tal-process) li jikkoncerna l-incident imsemmi fir-rikors guramentat fejn l-ewwel inghalqet il-fetha bil-habel tal-azzar u konsegwentement intefa t-terrapien. Il-Qorti rat li minn dawn ix-xhieda kollha, ghajr ghall-attur, hadd mix-xhieda l-ohra ma sarilhom kontro-ezami. Il-Qorti tinnota izda li dawn ix-xhieda lkoll ikkonfermaw l-uzu tal-ewwel parti tal-ghalqa fejn hemm il-fetha sabiex ir-rikorrent

jipparkja l-vetturi/ingenji u wkoll jixhdu dwar il-qtugh tal-harrub/haxix kull tant zmien.

"Illi da parti taghhom il-konvenuti jressqu bosta xhieda li lkoll jikkonfermaw bil-gurament li lill-attur Giuseppe Camilleri qatt ma rawh fl-ghalqa mertu tal-kawza odjerna u lanqas kienu jaraw il-vetturi tieghu pparkjat. Dawn ix-xhieda huma Emanuel Camilleri – kugin tal-konvenuti; Jacqueline Camilleri – mizzewga lil bint l-konvenut Emanuele Camilleri; Norbert Camilleri – iben Emanuele Camilleri (il-konvenut); Joseph Camilleri – kugin tal-konvenuti; Joseph Muscat – ir-ragel tal-kugina ta' Leli Camilleri; Emanuel Grima – gar li ghandu bicca raba faccata tal-fetha; Saviour Muscat – hu Reuben Muscat li gieli jahdem maghhom; Reuben Muscat – jahdem ma' Joe Camilleri u jaccedi ta' spiss f'garaxx li hemm fi Triq is-Salini, Naxxar faccata tal-ghalqa/fetha mertu tal-kawza; Josephine Camilleri – oht il-partijiet fil-kawza; Mary Mifsud – oht il-partijiet fil-kawza; Adrian Sammut – proprjetarji ta' raba' vicin tal-ghalqa mertu tal-kawza odjerna; u Joe Camilleri – li ghandu l-ingenji li bihom jahrat, jahsad u jippakja l-qamh u jigi mqabbad mill-intimati fl-eghlieqi in kwistjoni. Dawn ix-xhieda ghajr ghal ftit minnhom kollha sarilhom il-kontro-ezami.

"Illi l-Qorti tinnota li x-xhieda mressqa mill-konvenuti, fid-deposizzjoni taghhom moghtija bil-procedura tal-affidavit, bazikament kollha kategorikament jeskludu li l-attur Giuseppe Camilleri kien jaccedi fl-ghalqa mertu tal-kawza odjerna. Madanakollu il-kontro-ezamijiet taghhom l-verzjoni taghhom inbidlet tista tghid ghal wahda mhux daqshekk certa.

"Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghax-xiehda ta' Joseph Camilleri (ara affidavit a fol. 56 tal-process) fejn qal illi :

> "…Nghid li mhux minnu li dan Giuseppe qatt dahal hemm gew bil-vettura jew uliedu jew terzi hallew il-vetturi taghhom hemm.
>
> "Nghid li lanqas hu minnu li dan qatt dahal jaqta l-harrub jew haxix, jien qatt ma rajtu u kieku rajtu kont inkellem lil Pawlu jew lil Leli ghaliex hemm taghhom u kull ma jkun hemm mizruh huma jkunu zerghuh u hadu hsiebu."

"Madanakollu, in kontro-ezami fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2017 a fol. 89 et seq tal-process, dan Joseph Camilleri biddel il-verzjoni u m'eskludiex li l-attur Giuseppe Camilleri seta' dahal fl-ghalqa meta huwa ma kienx hemm. Hekk xehed in kontro-ezami :

> "*Dr Errol Cutajar* :
> "Min kien hemm ?
>
> *"Xhud* :
> "Jien ta' min hi ma nafx, qed tifhimni ? U min kien hemm nahseb ma kontx hemm jien dak il-hin.

> “*Dr Errol Cutajar* :
> “Inti dik il-karozza qatt rajtha hemmhekk ? Ara nghidlekx sew li gie li rajtha dik il-karozza hemmhekk.
>
> “*Xhud* :
> “Lanqas naf x’karozza hi ta’ jien.
>
> “*Dr Errol Cutajar* :
> “Toyota bajda dik il-karozza
>
> “*Xhud* :
> “…
>
> “*Dr Error Cutajar* :
> “Qatt ma rajtha hemmhekk.
>
> “*Il-Qorti* :
> “Mhux qed jistaqsik jekk taft il-mudell tal-karozza; jekk qattx rajt il-karozza hemm hekk.
>
> “*Xhud* :
> “Ma nafx ma nafx.
>
> “*Dr Errol Cutajar* :
> “Ma tafx jew qatt ma rajtha ?
>
> “*Xhud :*
> “Ma nafx. Jiena ma nistax nghid, ifhimni, ma nafx.
>
> “*Dr Errol Cutajar* :
> “Jiena qed naghmillek mistoqsija cara; inti tghid li kwazi kuljum kont hemm, jekk kuljum anzi tghid. Inti dik il-karozza qatt rajtha hemm hekk jew qatt ma rajtha? Iva jew le.
>
> “*Xhud* :
> “Le qatt ma rajtha. Jiena ma nistax nghid li rajtha. Jekk dan dahal x’hin ma kontx hemm jien .”

“L-istess jista’ jinghad ghax-xhud Reuben Muscat li ta’ d-deposizzjoni tieghu bil-procedura tal-affidavit a fol. 60 tal-process fejn qal illi:

> “…Nghid li jien qatt ma rajt lil haddiehor jidhol minn din ilfetha hlief Pawlu u Leli. Nghid li dan Guzeppi naf min hu ghaliex jigi kugin t’ommi minghalija u verament qatt ma rajtu jhalli jew jidhol bil-vetturi minn hemm. Dan minghalija ghandu Peugeot u Land Rover. Nghid li ma hemmex fejn thalli vettura ghaliex jew taghlaq il-fetha u t-trejqa jew tigi fil-hamrija u fix-xitwa tehel meta jkun imxarrab.”

“In kontro-ezami Reuben Muscat xehed a fol. 101 et seq tal-process fejn qal illi:

> “***Dr Errol Cutajar*** :
> “Qed tarha dik il-karozza bajda li spjegajt inti mal-ewwel iccombajtha, mal-ewwel mort fuqha.

*“Xhud* :
“Iva.

*“Dr Errol Cutajar* :
“Taf ta’ min hi ?

*“Xhud* :
“Lanqas naf ta’ min hi biss !

*“Dr Error Cutajar* :
“Ma tafx ta’ min hi

*“Il-Qorti* :
“Ma tafx ?

*“Xhud* :
“Le ma nafx ta’ min hi

*“Dr Error Cutajar* :
“Ara nghidlekx sew dik il-karozza qieghda ipparkjata

*“Xhud* :
“Lanqas naf x’ karozza hi.

*“Dr Errol Cutajar* :
“Ara nghidlekx sew li dik il-karozza l-bajda illum hija pparkajta fuq ir-rampa fuq in-naha l-ohra fejn ghedtli fejn tkun inti in-naha tieghek; kull jum tkun hemm,

*“Xhud* :
“Ehe, dik antika

*“Dr Errol Cutajar* :
“Ehe, dik.

*“Il-Qorti* :
“Qed taghrafha issa ?

*“Xhud* :
“Iva rajtha.

*“Dr Errol Cutajar* :
“Taf ta’ min hi dik il-karozza?

*“Xhud* :
“Iva.

*“Dr Errol Cutajar* :
“Ta’ min hi?

*“Xhud* :
“Heq.. !

*“Dr Errol Cutajar* :

"Ta' min hi dik il-karozza?

*"Xhud* :
"Tieghu, ta' Guzeppi.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Ta' Giuseppi. Qatt rajtha imma hemmhekk ipaprkajta inti?

*"Xhud* :
"Le qatt ma rajtha jien hemmhekk din.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Hemmhekk fejn qieghda f' dak ir-ritratt.

*"Xhud* :
"Hemmhekk le.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Qatt ma rajtha. Pero' qed tikkonferma li dik hija l-firma ta' Giuseppi u li llum qieghda n-naha tieghek hux vera?

*"Xhud* :
"Hekk qed tghidu.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Le, qed insaqsik lilek

*"Xhud* :
"Iva; ghax jien minn hawn ma nistax naghrafha l-karozza.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Imma taf fejn qieghda llum dik il-karozza.

*"Xhud* :
"Iva naf fejn qieghda".

"Illi xhud iehor u cioe' Emanuel Camilleri – il-kugin tal-partijiet, fil-kawza wkoll ta' d-deposizzjoni tieghu bil-procedura tal-affidavit a fol. 51 fejn wkoll qal is-segwenti:

"Nghid li f'din il-fetha qatt ma rajt lil hadd ipparkjat. Dana ghaliex ma hemmx fejn wiehed ihalli vettura ghaliex jekk ihalli vettura jaghalaq l-access ghar-raba. Din ir-rampa (fetha) hija wiesgha biss xi ghaxar (10) piedi u jghaddi biss truck bid-demel.

"Nghid li l-kugin Giuseppe attur f'din il-kawza ma ghandu xejn hemm u jekk jghid li qed jaqta l-harrub dana qed jisirqu ghaliex is-sigar tal-harrub jiehu hsiebhom Pawlu qieghdin fir-raba tieghu, u naf ukoll li din is-sena applika biex jiehu s-sussidju fuqhom."

"In kontro-ezami a fol. 105 et seq tal-process Emanuel Camilleri jghid is-segwenti:

"*Dr Errol Cutajar* :

"Jigifieri inti dik il-karozza mintiex tgharaf ta' min hi ?

*"Xhud* :
"Le le. U l-karozza lanqas qieghda…kif ghedtilkom; dik qieghda kwazi bejn iz-zewg ghelieqi. Qieghda fl-ghalqa t'isfel mal-hajt ta' fuq. Mhix qieghda fil-bieb.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Inti qatt ma rajtha dik il-karozza ipparkjata hemm hekk.

*"Xhud* :
"Ifimni, hemm fuq ma jidhirlx li rajt karozzi jiena. Jekk rajt xi darba jew tnejn l-izjed li kont nara fuq il-bankina; fuq il-bankina iva, normali.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Mid-dahla 'l gewwa qatt ma rajt karozzi ipparkjati ?

*"Xhud* :
"Mid-dahla 'l gewwa fil-bieb rajt xi darba karozza forsi jew tnejn. Fhimtni. U ma nafx gienix id-dubju ghax nghid forsi dan bla battery ?

*"Dr Errol Cutajar* :
"U taf ta' min kienu dawn il-karozzi li gie li rajt ?

*"Xhud* :
"Le ghax ma rajt lil hadd qatt tiela' fiha jew niezel fiha."

"Illi x-xhud Jacqueline Camilleri fid-deposizzjoni taghha moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 64 tal-process xehdet illi:

"…Nghid li jiena gieli mort f'dan ir-raba bil-kuntenitizza ta' Leli u Pawlu naqta l-kappar u qatt ma rajt lil Guzeppi hemm jew ihalli vettura hemm."

"In kontro-ezami a fol. 176 et seq tal-process irrizulta li sabiex x-xhud tara min hu diehel u min hu hiereg mill-ghalqa din trid toqghod fit-triq, haga li hija mpossibli li ssir. Hekk xehdet illi:

"*Xhud* :
"Le qatt ma rajtu hemmhekk. Il-Latnija qatt ma rajtu diehel. In-naha taghna ovvja li ser jidhol; ghandu hafna ghelieqi hu wkoll.

*"Dr Errol Cutajar* :
"Ara nghidlekx sew ukoll li minn fejn toqghod inti mid-dar pero' mid-dar fejn toqghod inti mir-razzett ..

*"Xhud* :
"Qed tghidli mill-kcina mid-dar jew minn barra?

*"Dr Errol Cutajar* :
"Mid-dar fejn toqghod.

*"Xhud* :
"Minn gewwa jew minn barra?

*“Dr Errol Cutajar* :
“Minn gewwa. Jigifieri ma tistax inti tarha din il-fetha tal-kawza

*“Xhud* :
“Mill-kcina le ma narahiex.

*“Dr Errol Cutajar* :
“Trid tkun barra qieghda hemmhekk fl-area ta’ barra biex niftehmu.

*“Xhud* :
“Sewwa qed tghid; mill-kcina jien ma nistax narha; ghax kif titla’ hekk”.

“Ix-xhud Joseph Muscat fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 57 tal-process ukoll jghid li jqatta’ hafna zmien f’dawk l-akkwati. Jghid illi :

“…u ilni immur f’dawk l-akkwati kwazi kuljum ghal diversi snin cioe minn meta bdejt nohrog mal-mara xi erbghin (40) sena ilu.

“Jien mmur mitkellem mal-kugini li semmejt u mmur nara l-membri l-ohra tal-familja tal-mara. Illum jien pensjonant u dan l-ahhar qed inqatta hafna zmein f’ dawn l-akkwati peress li ma tantx ikolli x’naghmel.

“In kontro-ezami x-xhud Joseph Muscat stqarr li huma l-aktar li kien imur kien fuq in-naha tar-razzett li tigi fuq l-estremita’ l-ohra tat-triq u jaf li ma kienx jidhol hadd fil-ghalqa semplicement ghaliex kien jghaddi mit-triq. Hekk xehed in kontro-ezami illi:

“*Dr Errol Cutajar* :
“U kemm-il darba tmur inti hemmhekk? Ghax inti ghedt ilek tmur 40; meta qed tghid ilek tmur 40 sena ghan-naha tar-razzett kont qed tghid jew ghal din in-naha?

*“Xhud* :
“Ghan-naha tar-razzett.

*“Dr Errol Cutajar* :
“Jigifieri nghid ser li fuq in-naha tal-kwistjoni inti ma tmurx.

*“Xhud* :
“Le le. Nghaddi minn quddiemha hekk imma ma mmurx.

*“Dr Errol Cutajar* :
“Ara nghidlekx sew li inti fil-fatt iktar tkun in-naha ta’ l-Ghallis fejn tmur ghal kacca hux vera?

*“Xhud* :
“Iva iva”

“Illi huwa maghruf li ghall-azzjoni ta’ spoll privileggat bizzejjed li l-persuna tkun ‘…*mnezzgha mill-pussess, ta’ liema xorta jkun*…’[3] Fid-decizjoni fl-ismijiet **Rev.** Kan. Salvatore Ellul pro et noe -vs- Kan

[3] Artikolu 535 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Primicerju Giuseppe Farrugia[4] deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Frar, 1953 inghad li:

> "Ghall-azzjoni ta' spoll hu bizzejjed li l-persuna spoljata tigi mnezza' mill-pussess, "ta' liema xorta jkun." U dan jinghad mhux biss ghan-natura tal-pussess, imma anke ghaz-zmien. Anke pussess qasir hafna, u sahansitra pussess momentaneu huwa bizzejjed, biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll; b'mod li f'kaz ta' attur li jippretendi li sofra spoll billi fir-rikostruzzjoni ta' bini mwaqqa' nbena hajt divizorju li fih infethu twieqi jew aperturi ohra li jaghtu ghal fond tieghu, li huwa jippretendi li qabel ma kienux jezistu, mhux necessarju li l-attur jipprova li huwa ilu jippossjedi l-fond minghajr l-ezistenza ta' dawk l-aperturi ghal tletin sena, imma hu bizzejjed li jipprova li f'xi zmien dawk l-aperturi nfethu mentri qabel ma kinux hemm.' (enfazi tal-Qorti)

"Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak iddikjarat mill-konvenuti nfushom mas-surgent WPS158 Gillian Henwood dakinhar li gew mitkellma minnha fid-19 ta' Frar, 2016 (ara okkorrenza bir-referenza 8/S/242/2016 a fol. 42 et seq tal-process). Kienu l-konvenuti stess li ammettew li l-attur kien jipparkja l-vettura tieghu hemmhekk u di fatti fl-okkorrenza li giet esebita u kkonfermata bil-gurament mis-surgent huma stqarrew illi:

> "…li l-ghalqa hija taghhom u mhux ta' huhom Joseph u dan Joseph lanqas suppost idahhal il-karozza hemmhekk. Huma stqarrew li ghamlu l-katina huma stess sabiex ma jidholx 'l hemm peress li hemm taghhom.' (enfazi tal-Qorti)

"Illi minn dak kollu suespost, il-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi anki ghaliex tqis ix-xiehda mressqa mill-attur bhala aktar kredibbli li l-attur kellu l-pussess pretiz minnu li jidhol mill-fetha u jipparkja l-vetturi/l-ingenji tieghu fil-bidu tal-ghalqa in kwistjoni. Din il-Qorti izda m'hiex konvinta li tressqu bizzejjed provi sabiex jikkonvincuha sal-grad rikjest mil-ligi li l-attur kien verament jaqta l-harrub u l-haxix mill-eghlieqi in kwistjoni liema eghlieqi ex admissis jinhadmu minn hutu l-intimati. Fi kwalunkwe kaz fir-rikors guramentat l-attur imkien ma jsemmi li l-fatt li sar il-habel tal-azzar u ntefa t-terrapien b'xi mod affettwah milli jidhol sa mai bir-rigel u jaqta l-harrub/haxix anzi fir-rikors guramentat jilmenta biss li ma setax aktar jipparkja l-vetturi/ingenji tieghu u ma jilmenta dwar xejn aktar. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-kwistjoni dwar il-harrub/haxix ma taqax entro dak rikjest minnha fir-rikors guramentat u mhux ser taghti decizjoni dwarha.

"<u>Spoliatum fuisse</u>:

"Illi dwar l-element ta' l-spoliatum fuisse, gie ritenut fil-kawza Joseph Baldacchini -vs- Emanuel Falzon Fava deciza fit-22 ta' April 1998 illi:

> "Hemm certi rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-

---

[4] Kollezzjoni decizjonijiet XXXVII. ii. 642.

> mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi."

"Fil-ktieb tieghu Istituzioni di Diritto Civile,[5] l-awtur Emidio Pacifici Mazzoni ddefinixxa "... bi vjolenza" bhala "... qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato." Din id-definizzjoni giet diversi drabi adottata mill-Qrati taghna fosthom fil-kawza Joseph Scerri -vs- Spiridione Falzon deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' Jannar, 1958 fejn il-Qorti qieset spoll vjolenti bhala:

> "...kwalsijasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta tal-possessur, b'mod li jista jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak latt"

"Illi l-konvenut Pawlu Camilleri fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 48 tal-process ammetta li huma ghamlu l-wire biex ma jidhlux jipparkjaw fil-proprjeta` taghhom, kif ukoll, li tefghu l-gebel biex jirrangaw il-hajt tas-sejjieh. Hekk xehed illi:

> "...Nghid li ghalhekk darba kont ghamilt wire biex ma jidhlux jipparkjaw hemm.
>
> "Nghid li l-gebel intefa hemm biex irrangajt il-hajt tas-sejjieh. Fil-fatt il-gebel lanqas biss ghadu hemm ghaliex bnejna l-hajt minn meta ppresenta l-kawza sal-lum u nehhejna l-gebel.'

"L-istess gie kkonfermat mill-konvenut l-iehor Emanuel Camilleri fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 61 u fol. 62 tal-process. Hekk xehed illi:

> "...Sakemm issir din il-manuvra l-klieb li ghandu l-kugin jibdew jinbhu u jqajmuh, ghalhekk konna ghamilna bicca wire biex ma jidhlux.
>
> "Nghid li l-munzell gebel li jidher fir-ritratt li ppresenta ma' l-affidavit, jiena u hija Pawlu tfajnieh hemm, precismant ghaliex ma hemmx fejn taghmlu. Dan tfajnieh hemm biex nirranhaw il-hajt il-hajt ta' mal-fetha li kien waqa. Ftit wara fil-fatt il-gebel uzajnieh ghall-hajt u bhal ma jidher fir-ritratt ma ghadux hemm. Ma jaghmilx sens li nghalqu passagg minn fejn ndhlu ahna ghaliex dan ikun ifisser hafna tbatija zejda ghalina."

"Illi fid-19 ta' Frar, 2016 dakinhar li sar l-allegat spoll vjolenti u klandestin, l-attur mar jaghmel rapport l-ghassa u konsegwenza tieghu l-konvenuti gew mitkellma mis-Surgent WPS158 Gillian Henwood fejn stqarrew li l-att spoljattiv sar minnhom. Hekk stqarrew illi:

> "Gew mitkellma Emanuele Camilleri u Paolo Camilleri fejn stqarrew li l-ghalqa hija taghhom u mhux ta' huwhom Joseph u dan Joseph lanqas

[5] E. Pacifici Mazzoni, Istituzioni di Diritto Civile, Volume III (Firenze 1873).

> suppost idahhal il-karozza hemmhekk. Huma stqarrew li ghamlu l-katina huma stess sabiex ma jidholx 'l hemm peress li hemmhekk taghhom. ...Komlpew li huma tefghu t-terrapien peress li ser jirranga il-hajt u Giuseppe m'ghandux dritt ghalih hemmhekk. Huma stqarrew li huma ma jkellmuhx lanqas jekk ikellimhom hu peress li kien hemm din l-ordni tal-qorti. Emanuel stqarr li din l-ghalqa tidher fic-car li hija taghhom u mhux ta' Giuseppe u dawn l-ahwa kollha jafuh bejniethom barra Giuseppe stess."

"Illi in vista tas-suespost din il-Qorti tqis li ma jibqa ebda dubju li l-atti li permezz taghhom inghalaq l-access ghall-fetha in kwistjoni saru mill-konvenuti intenzjonali sabiex iwaqqfu lill-attur milli jkompli jaccedi kif kien jaghmel qabel u li dan ghamluh bil-mohbi u minghajr il-kunsens tieghu. Ghalhekk tqis li dan l-element gie wkoll pruvat.

"<u>Infra bimestre deduxisse</u>:

"Illi jifdal ghalhekk l-element tat-terminu ta' xahrejn. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et -vs- Veronica Mizzi ta' nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

> "… dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le."

"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Alfred Paul Farrugia nomine -vs- Peter Paul Cutajar deciza fit-13 ta' Frar, 2004 irriteniet illi:

> "Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix pruvat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi".

"Illi l-attur jishaq li bejn it-18 ta' Frar, 2016 u d-19 ta' Frar, 2016 il-konvenuti personalment jew permezz ta' terzi minnhom imqabbda ghalqu l-fetha permezz ta' habel tal-azzar li kienet tista tinfetah. Aktar tard fid-19 ta' Frar, 2016 poggew terrapien fl-istess fetha b'tali mod li l-access sabiex l-attur jaccedi ghall-ghalqa sar wiehed impossibli. Id-data ta' dan l-incident hija wkoll evidenzjata mir-rapport li sar da parti tal-attur mal-Pulizija esebit a fol. 42 tal-process. Mill-atti jirrizulta li l-kawza giet intavolata fil-5 ta' April, 2016 u ghalhekk entro t-terminu ta' xahrejn rikjest mill-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-element gie wkoll sufficjentament ippruvat."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Emanuele Camilleri u Paolo Camilleri, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex tannulla s-sentenza

appellata jew fin-nuqqas tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti, fis-sens li tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti sabet li ma giex kommess spoll fl-ghalqa maghrufa bhala “Tal-Latmija” tal-kejl ta’ cirka 5620m.k., 6 itmiem gewwa l-kontrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar, u tirrevokaha fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrenti limitatament ghar-rampa/fetha u tghaddi biex tichad l-istess. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

6. Rat ir-risposta tal-attur Giuseppe Camilleri, li permezz taghha wiegeb li r-rikors tal-appellipprezentat mill-konvenuti appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta’ Ottubru, 2020, fl-ismijiet premessi, ghandha tigi kkonfermata, anke fl-istadju ta’ appell. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat.

9. Illi l-kawza in ezami hija wahda ta’ spoll, fejn l-attur jallega li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin, meta ghamlu katina u tefghu terrapien fil-fetha li taghti ghar-raba’ maghrufa bhala “Tal-Latnija”, fil-limiti tas-Salina, li kienet inghatat lil missier il-kontendenti fil-kawza

b'tolleranza. Filwaqt li l-attur jikkoncedi li l-konvenuti hutu Paolo u Emanuele Camilleri ilhom jahdmu dawn l-ghelieqi minn meta miet il-missier, jghid li huwa kellu pussess liberu li jidhol bil-vettura tieghu fl-imsemmija ghalqa u dan sad-19 ta' Frar, 2016, meta l-konvenuti ghalqu l-imsemmija fetha l-ewwel permezz ta' katina u mbaghad permezz ta' munzell terrapien. Kwindi l-attur talab li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti spussessaw u spoljaw lill-istess attur b'mod klandestin u vjolenti mill-pussess u godiment tal-proprjeta` in kwistjoni, permezz ta' katina u terrapien, kif ukoll li tordna lill-konvenuti sabiex jergghu jqieghduh mill-gdid fil-pussess billi tordna lill-konvenuti jnehhu l-katina u terrapien. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

10. Il-konvenuti eccepew li l-pjanta annessa mar-rikors promotur ma tindikax l-art in kwistjoni u jannettu l-pjanta li tindika l-art li huma jiddetjenu. Filwaqt li jeccepixxu wkoll li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress li huma jiddetjenu l-art b'tolleranza u l-istess rikorrenti jikkoncedi li r-raba' ilu fil-pussess esklussiv taghhom sa mis-sena 2011, wara l-mewt ta' missier il-kontendenti. Inoltre, il-fatt li l-attur kien jipparkja l-vettura ma jista' jitqies qatt bhala dritt tutelabbli, izda jista' biss jitqies bhala att ta' mera tolleranza u buon vicinat u konsegwentement l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

11. L-ewwel Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici, peress li wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet legali u fattwali mehtiega relattivi u ezaminat l-elementi mehtiega li jikkostitwixxu spoll, qieset il-konvenuti appellanti responsabbli, li bl-agir taghhom kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur appellat. Dan limitatament ghall-uzu li l-attur jidhol bil-karozzi/ingenji tieghu liberament mill-fetha li taghti ghat-triq ghall-ewwel ghalqa, fejn hemm ir-rampa u jipparkja l-vettura jew ingenji tieghu minghajr ma jostakola l-access tal-pussessuri l-ohra. Kwindi l-Qorti ordnat lill-konvenuti sabiex fi zmien xahar, jergghu jqieghdu mill-gdid fil-pussess lill-attur tal-proprjeta` indikata, billi jnehhu l-katina u t-terrapien, sabiex ma jkun hemm l-ebda xkiel ghall-fetha u l-attur ikun jista' jaccedi liberament bil-karozzi/ingenji tieghu u jipparkjahom minghajr ma jostakola l-access tal-pussessuri l-ohra. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

12. Il-konvenuti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha. L-aggravji tal-konvenuti appellanti huma tlieta:

(i) in-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti, peress li d-decizjoni hija *extra petita;*

(ii) applikazzjoni skorretta tal-ligi; u

(iii) apprezzament zbaljat tal-provi.

13. Illi ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx sa fejn fl-ewwel aggravju taghhom il-konvenuti appellanti jilmentaw li filwaqt li l-attur appellat talab dikjarazzjoni mill-Qorti li gie spussessat mill-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Latnija", gewwa l-kuntrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar, l-ewwel Qorti llimitat id-decizjoni taghha ghall-uzu li l-attur jidhol bil-karozzi/ingenji tieghu liberament mill-fetha li taghti ghat-triq ghall-ewwel ghalqa, fejn hemm ir-rampa u jipparkja l-vettura jew ingenji tieghu minghajr ma jostakola l-access tal-pussessuri l-ohra, id-decizjoni tal-ewwel Qorti hija afflitta bin-nullita` peress li hija *extra petita.* Huwa principju assodat li l-kawzali tal-azzjoni hija dik li hemm iddikjarat fl-att promotur tac-citazzjoni, llum ir-rikors guramentat, u din il-kawzali ma tistax tigi mibdula mill-Qorti u mhux permess li kawza tigi deciza fuq kawzali differenti minn dik li jkun hemm fir-rikors promotur.

14. Kwindi meta jitqajjem l-aggravju tal-*extra petita* huwa mehtieg li wiehed jara x'ikun intalab fl-att promotur. Il-kriterju hu li t-talba f'kawza titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawza tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wiehed ikun jista' jqis jekk dak moghti fis-sentenza jkunx ghal kollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita).*

Ikun hemm kaz ta' eccess bhal dan fejn il-gudikant "*jibbaza r-raguni tad-decizjoni fuq titolu, kawzali jew fatt guridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eccezzjoni, jigi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konkluzjonijiet taghhom*". (Ara **Grazio Mercieca:** "Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi", p. 145). Dan il-kaz ma jghoddx fih ic-cirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, ghalkemm ma jissemmiex bhala talba espressa, johrog *ex necessaria consequentia* minn talba ohra li tkun maghmula. (Ara Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet **Giovanna Saguna pro et noe v. Giuseppe Vella** deciza 5 ta' Frar, 1934 (Kollez. Vol: XXVIII.i.818)).

15. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, minn harsa lejn l-ewwel talba attrici meta ntalab li l-Qorti:

> "*Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir taghhom il-konvenuti spussessaw u spoljaw b'mod klandestin u vjolenti lir-rikorrenti, mill-pussess u l-godiment tal-propjeta, ossia l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Latnija', tal-kejl cirka hamest elef sitt mija u ghoxrin metri kwadri (5620mk), (6 sitt itmiem), gewwa l-kuntrada tas-Salini, limiti tan-Naxxar, u dan peress illi imblokkaw kompletament il-fetha li taghti ghall-imsemmija ghalqa permezz ta' katina (maghmula minn habel ta' l-azzar), u t-terrapien, u dan, bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Frar, 2016, u d-dsatax (19) ta' Frar 2016, rispettivament*"

Gialadarba l-fetha u r-rampa huma parti mill-ghalqa li l-attur appellat talab li jinghata lura l-pussess taghha, din it-talba kienet *ex necessaria consequentia* tinkludi l-fetha u r-rampa li jiffurmaw parti mill-istess ghalqa. Tant hu hekk li meta fit-tieni talba jinghad:

> "*Konsegwentement, tordna lill-konvenuti jergghu iqieghdu mill-gdid fil-pussess, lir-rikorrenti, u dan billi tordnalhom, inehhu l-istess katina (maghmula minn habel ta' l-azzar), u t-terrapien*."

16. Fil-fatt il-katina u t-terrapien kienu jostakolaw l-istess fetha u r-rampa. Fi kwalunkwe kaz, huwa ritenut li l-*più comprende il meno* u l-fatt li l-attur appellat jinghata lura pussess tal-access ghall-fetha u r-rampa li huma porzjoni zghira mill-ghalqa tal-konvenuti appellanti, certament ma jistax jinghad li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija *extra petita.* In kwantu l-konvenuti appellanti jilmentaw li l-fetha fiha biss wisa' ta' ghaxar piedi, li jfisser li jekk l-attur ser jithalla jipparkja, necessarjament ser jingombra l-access, jigi osservat li mill-access li twettaq mill-ewwel Qorti rrizulta li l-wisà tal-entratura effettivament fiha tnax-il pied u sitt pulzieri (ara fol. 72 tal-process) u mhux ghaxar piedi. Inoltre, waqt l-istess access l-attur indika lill-Qorti li huwa ma kienx jipparkja appena fid-dahla, imma kien jitla' mir-rampa u jaghmilha fil-genb, u ghalhekkk id-decizjoni tal-Qorti taghmel sens meta jinghad minnha li l-attur ghandu jithalla jaccedi u jipparkja, minghajr ma jostakola l-access tal-pussessuri l-ohra. Isegwi li l-ewwel aggravju ma jregix u ser jigi michud.

17. Imiss li jigu trattati t-tieni u t-tielet aggravji li l-istess konvenuti appellanti jitrattaw f'daqqa. Huma jikkontendu li l-azzjoni attrici kellha tfalli peress li hija principalment imsejsa fuq l-ilment li l-attur ma jithalliex jipparkja l-vettura fir-rampa sabiex huwa jkun jista' jidhol jaqta' l-harrub,

meta din l-attivita` tista' ssir ghal xi gimgha fis-sena, li skont il-konvenuti appellanti ma jaghtix il-pussess rikjest sabiex wiehed jirnexxi f'azzjoni ta' spoll. Filwaqt li l-konvenuti appellanti jaghmlu referenza ghax-xhieda tal-attur u tax-xhieda l-ohra mressqa minnu, li lkoll jghidu li l-attur kien jipparkja l-vettura fir-rampa jew fil-genb tal-ewwel ghalqa u mhux fuq ir-raba' nnifisha. Dan meta l-attur appellant kellu juri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kellu l-pussess mehtieg qabel ma sehh l-att spoljattiv. Il-konvenuti appellanti jaghmlu referenza ghall-elementi mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll u ghall-gurisprudenza fir-rigward. Isostnu li filwaqt li fil-kaz tal-attur u x-xhieda l-ohra li huma lkoll familjari tal-istess attur jixhdu li l-attur kellu l-pussess, dan jinsab kontradett minn numru ta' xhieda mressqa mill-istess konvenuti appellanti. Issir enfasi fuq ix-xhieda tal-konvenuti Paolo u Leli Camilleri, fis-sens li huma kienu jahdmu din ir-raba' ghal diversi snin b'mod esklussiv u ilu wkoll registrat fuqhom ghal diversi snin, tant li jiehdu sussidju fuq l-istess raba' u li hadd hliefhom m'ghandu pussess tar-raba' mertu ta' din il-kawza. Jaghmlu referenza wkoll ghax-xhieda ta' diversi familjari u persuni ohra li lkoll xehdu li l-attur appellat qatt ma kellu u m'ghandux il-pussess mehtieg tal-ghalqa jew tar-rampa sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici. Il-konvenuti appellanti jaghmlu referenza wkoll ghal xi dokumenti annessi mar-rikors tal-appell, sabiex isostnu li l-attur appellat sahansitra pprova jqarraq bis-sidien tar-raba' meta giet iffirmata skrittura, fejn l-istess attur kien indikat bhala wiehed mill-

okkupanti tar-raba' mertu ta' din il-kawza, liema skrittura giet sussegwentement rtirata mis-sidien tar-raba'.

18. B'zieda mal-principji u l-gurisprudenza citati mill-ewwel Qorti, kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Buttigieg v. Raymond Buttigieg**:

> *"… l-elementi essenzjali biex l-azzjoni ta spoll privileggjat tkun tista' tregi huma l-pussess da parti ta' l-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta' dak il-pussess vjolenti jew klandestin da parti tal-ispoljant, u l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xaghrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv.* ***"Kwantu ghall-pussess, il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien, u mhux il-pussess animo domini, u li l-konvenut f'kawza ta' reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-attur. Sahansitra l-azzjoni ta' spoll privileggjat tista' tigi ezercitata anke kontra l-istess propjetarju, meta dan ikun l-awtur tal-ispoll, u mhix permessa ebda eccezzjoni dilatorja qabel jigi reintegrat l-ispoll ghaliex din hija azzjoni ta' ordni pubbliku, u hija intiza biex tipprojbixxi li wiehed jaghmel gustizzja b'idejh u minghajr l-intervent tat-tribunal*. ***Konsegwentement ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimità tal-pussess turbat u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-possessur in mala fede. It-tribunal ghandu jezamina biss il-fatt tal-pussess u l-fatt tal-ispoll***. *(Vol. XLI.I.244)*
>
> *Hu wkoll pacifiku illum illi "l-pussess li trid il-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bzonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjetà, imma bizzejjed pussess kwalunkwe, anzi purament materjali u di fatto (Vol. XXXVIII.I.280). Però huwa mehtieg li l-attur jipprova li ghandu un possesso di fatto. (Joseph Vella pro et nomine vs Salvu Micallef, deciza mill-Prim'Awla fit-30 t'April, 1991);*
>
> *"… il-Qorti ghandha tillimita l-ezami taghha ghall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, skond il-kaz, bla ma tidhol fil-petitorju." (G. Spiteri et vs P. Camenzuli, deciza mill-Prim'Awla fis-26 ta' Mejju, 1981)."*
> (enfasi ta' din il-Qorti)

Effettivament skont il-gurisprudenza stabbilita, il-pussess mehtieg fil-kawzi ta' spoll ricenti, hu l-pussess materjali u *di fatto* u li jkun x'ikun. Fi

kliem iehor, m'huwiex mehtieg li min jippromwovi din l-azzjoni, jipprova li ghandu dritt ta' proprjeta` jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Bil-kuntrarju, ir-rekwizit tal-pussess hu sodisfatt ukoll bis-semplici detenzjoni. Madankollu, huwa dejjem mehtieg li l-attur jipprova li ghandu dan il-pussess, anke jekk dan ikun wiehed qasir hafna u sahansitra pussess momentanju. (Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Camilleri et v. Carmelo Camilleri et** deciza fil-15 ta' Dicembru, 2015.) Isegwi li l-argument tal-konvenuti appellanti li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress li l-attur kien jidhol jaqta' l-harrub ghal zmien limitat fis-sena ma jregix.

19. In kwantu ghax-xhieda mressqa mill-partijiet, ghalkemm huwa minnu li l-attur ressaq numru ta' familjari li jghidu li huwa kien jaghmel uzu mill-imsemmija fetha u rampa, filwaqt li l-konvenuti ressqu mhux biss familjari izda wkoll terzi persuni sabiex jixhdu li huma ma kinux jaraw lill-attur fl-imsemmija ghalqa, jibqa' l-fatt osservat mill-ewwel Qorti li, meta dawn ix-xhieda prodotti mill-konvenuti appellanti, tressqu in kontro-ezami, dawn ma baqghux daqshekk kategorici, jew sahansitra biddlu l-verzjoni taghhom, fis-sens li min ma eskludiex li l-attur seta' kien hemm f'hinijiet differenti u min eventwalment ikkonceda li fir-ritratt esebit in atti (fol. 78) tirrizulta li hemm ipparkjata l-vettura tal-attur, jew min sahansitra kien jghaddi mit-triq u ma kienx josserva min seta' kien hemm fl-ghalqa, kif wara kollox min kien joqghod fil-vicinanzi ma kienx joqghod ghassa

mal-ghalqa l-gurnata kollha! A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tirreferi ghas-siltiet tax-xhieda migbura mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

20. Inoltre, kif gustament inghad mill-ewwel Qorti, l-aqwa prova tal-pussess ezercitat mill-attur appellat hija l-istess dikjarazzjoni moghtija mill-konvenuti (fol.46) lill-ufficjali tal-pulizija li kienu qeghdin jinvestigaw il-kaz meta ressaq l-ilment l-istess attur:

> *"Gew mitkellma Emanuele Camilleri u Paolo Camilleri fejn stqarrew li l-ghalqa hija taghhom u mhux ta' huhom Joseph* ***u dan Joseph lanqas suppost idahhal il-karozza hemmhekk. Huma stqarrew li ghamlu l-katina huma stess sabiex ma jidholx 'l hemm peress li hemm taghhom****."* (enfazi tal-Qorti)

Kwindi din il-Qorti, bhal ta' qabilha hija konvinta li l-attur appellat kellu l-pussess mehtieg sabiex iressaq l-azzjoni odjerna u sa fejn l-appell ma jikkontestax iz-zewg elementi l-ohra fis-sens li l-istess konvenuti appellanti jammettu li kienu huma li ghamlu l-katina u li tefghu t-terrapien b'mod klandestin sabiex iwaqqfu lill-attur appellat milli jkompli jidhol fl-imsemmija ghelieqi, kif ukoll li l-azzjoni attrici tressqet fi zmien utli ta' xahrejn, isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li nghad u li gie deciz mill-ewwel Qorti.

21. In kwantu l-konvenuti appellanti jressqu d-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell taghhom, din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 145 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> "*Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor*".

L-interpretazzjoni recenti li qieghda tinghata lil dan il-provvediment tal-ligi hija wahda ristretta u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jinghataw piz biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Gunju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Dolores Falzon v. Monica Debarro et**). Kif gustament rilevat mill-attur appellat fir-risposta tieghu, dawn id-dokumenti jirrizultaw li tassew kienu disponibbli ghall-konvenuti appellanti quddiem l-ewwel Qorti, tant li mill-verbal tal-10 ta' Dicembru, 2019, jirrizulta li huma ttantaw iressqu dawn id-dokumenti, izda l-ewwel Qorti cahdet it-talba taghhom. Ma sar l-ebda appell minn dak id-digriet tal-ewwel Qorti. Isegwi li din il-Qorti, li hija wahda ta' revizjoni, ghandha terga' tqis provi li jkunu ga migjuba quddiem il-Qorti tal-ewwel grad u mhux kompitu taghha li tqis provi godda. Ghalhekk din il-Qorti mhux ser tqis dawn id-dokumenti.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti appellanti, billi tichdu u tikkonferma fis-shih is-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' xahar prefiss mill-ewwel Qorti, jibda jghaddi mil-lum.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-istess konvenuti appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da